MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIO MERCIECA**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2004

Talba Numru. 26/2004

**Maltacom plc**

**vs**

**Frances Xuereb née Muscat**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Illi l-konvenuta ghandha tigi ikkundannata thallas lis-socjeta’ Maltacom plc is-somma ta’ mija u hmistax-il lira Maltin (Lm115.16) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 21564556 (C/N 992046;  Account No. 10223876), liema servizz gie installat fil-fond Flat 3, Ramla Flats, Triq Dun Karlu Zimech, Nadur, Ghawdex, skond kif jidher mill-kopja tas-service agreement hawn anness u immarkat bhala dokument ‘A’.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-prezenti, tal-VAT fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuta li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Bl-ingunzjoni tal-konvenuta ghas-subizzjoni."

Ra li l-konvenuta ghalkemm notifikata ma pprezentat l-ebda risposta;

Sema l-provi;

Ikkunsidra:

Illi fil-mori tal-kawza thallset is-sorte u fadal jigi kkunsidrat il-kap tal-ispejjez liema spejjez gew indubitament inkorsi tort tal-inadempjenza tal-hlas da parti tal-konvenuta.

Ghaldaqstant jaqta' u jiddeciedi billi jikkundanna lill-konvenuta ghall-hlas tal-ispejjez tal-istanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------